**Emenda 1**
**Dominique Bilde**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0250/2016**
**Andrea Bocskor**
Valutazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2013-2015
2015/2351(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni (Artikolu 170(4) tar-Regoli ta' Proċedura) li tissostitwixxi l-mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva A8-0250/2016**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Valutazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2013-2015**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 6, 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ[1],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 u t-8 ta' Frar 2013 biex tinħoloq Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018)[3],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020")[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar il-programm Erasmus+ u strumenti oħra sabiex titrawwem il-mobilità fl-ETV: approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja[5],

– wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (mill-2010 sal-2018), adottat mill-Kunsill fit-23 ta' Novembru 2015,

[1] ĠU C 120, 26.4.2013, p.1
[2] EUCO 37/13.
[3] ĠU C 311, 19.12.2009, p.1.
[4] ĠU C 119, 28.5.2009, p.2.
[5] Testi adottati, P8_TA(2016)0107.

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2015 intitolata "L-Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (mill-2010 sal-2018)" (COM(2015)0429) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Riżultati tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ b'fokus speċjali fuq it-tieni ċiklu (2013-2015) (SWD(2015)0168) u "Is-Sitwazzjoni taż-żgħażagħ fl-UE" (SWD(2015)0169),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2015 intitolata "Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET2020) - Prijoritajiet Ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ" (COM(2015)0408),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażagħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

A. billi l-politiki tal-edukazzjoni u taż-żgħażagħ jibqgħu kompetenza tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

B. billi ż-żgħażagħ għandhom jiġu megħjuna biex jittrattaw l-isfidi li jiffaċċjaw permezz ta' użu aktar immirat tar-riżorsi fil-livell nazzjonali u tal-UE; ifakkar, madankollu, li l-qgħad fost iż-żgħażagħ ma jistax jiġi miġġieled mingħajr ma jiġu abbandunati l-politiki ta' awsterità li qerdu l-impjiegi fil-maġġoranza tal-Istati Membri, kif jinnota r-rapport konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ;

C. billi jeħtieġ li ż-żgħażagħ jiġu megħjuna jsolvu l-problemi serji li qed iħabbtu wiċċhom magħhom bħalissa u l-isfidi li qed jistennewhom fil-futur permezz ta' politiki nazzjonali favur iż-żgħażagħ, u, skont il-prijoritajiet ta' politiki pubbliċi marbuta ma' kull Stat Membru, li dawn il-politiki jkunu aktar rilevanti, effettivi u koordinati; jissuġġerixxi li użu mmirat ta' riżorsi politiċi ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak tal-Unjoni ikun faċilitat mill-waqfien permanenti tal-użu ta' fondi eżistenti għal skopijiet ta' integrazzjoni ta' migranti ekonomiċi;

---

[1] Testi adottati, P8_TA(2015)0292.

D. billi wieħed mill-objettivi stabbiliti għall-programm Erasmus+ huwa li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018); billi f'dan ir-rigward jeħtieġ jiġu żgurati kemm l-aċċess għall-għotjiet għal proġetti tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ taħt il-programm Erasmus+ imġedded kif ukoll it-tneħħija tal-ostakli għall-eliġibbiltà ta' proġetti żgħar;

E. billi jfakkar, f'dan ir-rigward, li t-tħabbira tal-Kummissjoni fi Frar 2016 dwar l-użu ta' parti mill-fondi għall-programm Erasmus + favur l-integrazzjoni tal-migranti tista' tagħmel ħsara lil dak l-għan, minħabba li l-fondi diġà huma limitati u ż-żgħażagħ Ewropej diġà qed iħabbtu wiċċhom ma' ħafna diffikultajiet minħabba l-politiki ta' awsterità imposti mill-UE;

F. billi l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ (2010–2018) tinkludi tmien oqsma ta' azzjoni kbar fejn jeħtieġ jittieħdu inizjattivi: l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi u l-imprenditorija, is-saħħa u l-benesseri, il-parteċipazzjoni, l-attivitajiet volontarji, l-inklużjoni soċjali, iż-żgħażagħ fid-dinja, kif ukoll il-kreattività u l-kultura.

G. billi huwa importanti li jiġi żgurat li ż-żgħażagħ kollha jkollhom aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, kemm formali kif ukoll mhux formali, u jirċievu l-aħjar taħriġ possibbli peress li ż-żgħażagħ Ewropej illum qed iħabbtu wiċċhom ma' rati għolja ta' qgħad f'ħafna Stati Membri, b'mod partikolari minħabba l-politiki ta' awsterità imposti mill-Unjoni Ewropea u li jipprevjenu lill-Istati Membri milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ; ifakkar li ż-żgħażagħ huma esposti wkoll għal riskju akbar ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali u żgħażagħ bi ftit kwalifiki, iż-żgħażagħ li ma jaħdmux u li mhumiex qed isegwu edukazzjoni jew taħriġ jew dawk bi bżonnijiet speċjali, minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġjati, bħaż-żgħażagħ minn żoni periurbani, rurali jew muntanjużi, għandhom probabbiltà akbar li jesperjenzaw il-qgħad u l-marġinalizzazzjoni;

H. billi, jekk it-tagħlim hu fundamentali, b'mod partikolari it-tagħlim ta' ħiliet bażiċi fil-qari u l-kitba, il-matematika u l-istorja, il-ġenituri ma jistgħux jiġu mċaħħda mir-rwol tagħhom ta' edukaturi; jenfasizza, barra minn hekk, li l-edukazzjoni waħedha ma tistax tipprevjeni r-radikalizzazzjoni, kif wera l-Bank Dinji fir-rapport l-aktar reċenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni ekonomika fil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq[1] u li jippreċiża li 43.3 % tar-rekluti barranin tal-Istat Iżlamiku għamlu studji sekondarji, filwaqt li 25.4 % marru l-università;

I. billi l-inklużjoni u l-mobilità soċjali jridu jkunu l-prijoritajiet ċentrali tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ, u li għaldaqstant din irid ikollha speċifikament fil-mira ż-żgħażagħ minn gruppi vulnerabbli, bħaż-żgħażagħ li qed iħabbtu wiċċhom mal-faqar u l-esklużjoni soċjali u ż-żgħażagħ minn żoni rurali iżolati;

1. Jieħu nota tar-rapport dwar iż-żgħażagħ 2015, ibbażat fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għal kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) tal-15 ta' Settembru 2015, li juri li s'issa l-UE ma rnexxilhiex issolvi l-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, u li f'xi Stati Membri r-rata ta'

[1] Il-Bank Dinji, *Rapport de suivi de la situation économique au Moyen-Orient et en Afrique du Nord* (Rapport ta' monitoraġġ tas-sitwazzjoni ekonomika fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq) (Ottubru 2016).

qgħad fost iż-żgħażagħ għadha għolja ħafna (50.1 % fil-Greċja), filwaqt li f'oħrajn, bħal Franza, ir-rata saħansitra żdiedet minn meta twaqqfet l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (21.5 % fl-2011 u 22.8 % fl-2104);

2. Iqis il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni bħala mezz xieraq għall-istabbiliment tal-politiki dwar iż-żgħażagħ; itenni s-sejħa tiegħu għal kooperazzjoni eqreb dwar il-kwistjonijiet taż-żgħażagħ, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà fil-livell lokali, fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE;

3. Jirrikonoxxi l-importanza tad-Djalogu Strutturat bħala mezz li wieħed jisma' liż-żgħażagħ, kemm l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ kif ukoll individwi mhux organizzati, dwar il-ħtiġijiet reali tagħhom sabiex iwettaq l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-politiki dwar iż-żgħażagħ b'aktar effett fil-livelli kollha u biex irawwem iċ-ċittadinanza attiva fost iż-żgħażagħ; jenfasizza, madankollu, li l-iżvilupp ta' dawn il-politiki għandu jqis ukoll l-esperjenzi diġà ppruvati u ttestjati, il-prijoritajiet tal-edukazzjoni nazzjonali u d-djalogu interġenerazzjonali, peress li l-ġenerazzjoni aktar anzjana għandha ħafna x'toffri lil ta' warajha, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

4. Jenfasizza l-importanza tar-rwol tal-familja u l-kooperazzjoni tagħha mal-iskejjel, mal-komunitajiet lokali u l-knejjes biex jiggwidaw liż-żgħażagħ lejn integrazzjoni sħiħa fis-soċjetà; ifakkar li sikwit wisq, l-għalliema u l-professuri qed ikollhom jaġixxu ta' sostituti għall-ġenituri f'oqsma fejn l-unità familjari ma tkunx adegwata, u li dan ir-rwol addizzjonali jista' jdgħajjef l-istatus u l-professjoni tal-għalliem;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ effikaċi fil-lingwa nazzjonali, kif ukoll reġjonali, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, fid-dawl tal-fatt li, skont l-indikaturi tar-rapport intitolat "Education at a Glance 2015" (Ħarsa lejn l-edukazzjoni 2015), bħala medja tal-pajjiżi OECD kollha, individwu b'ħiliet tajbin fil-qari u fil-kitba se jkollha 4.2 darbiet aktar probabbiltajiet li jsib impjieg minn individwu bi ftit ħiliet f'dan il-qasam;

6. jitlob għal koordinament aħjar bejn il-kurrikuli fl-edukazzjoni u t-taħriġ u l-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol li qegħdin jinbidlu; jissottolinja, madankollu, li jekk koordinament aħjar huwa neċessarju, dan mhuwiex se jindirizza l-problemi tal-iskarsezza ta' impjiegi u li l-bżonn prinċipali huwa li jiġu attwati riformi strutturali, partikolarment reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema li ħolqot effett reali ta' dumping soċjali, li jfisser li f'ċerti setturi ż-żgħażagħ se jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' kompetizzjoni inġusta minn forza tax-xogħol li hija 30 % sa 50 % orħos;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi elementi ta' tagħlim imprenditorjali fil-livelli kollha ta' edukazzjoni u taħriġ u l-ħtieġa li jiġu promossi u mħarsa l-politiki għat-trawwim tal-imprenditorija taż-żgħażagħ fil-qasam kulturali u dak kreattiv sabiex jinħolqu l-impjiegi; jissottolinja li, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien ta' impriżi, is-sitwazzjoni tvarja konsiderevolment fid-diversi Stati Membri u li f'xi Stati dan huwa saħansitra aktar ikkumplikat għaż-żgħażagħ imprendituri, partikolarment minħabba d-diffikultajiet amministrattivi u kumplikazzjonijiet relatati mal-aċċess għall-kreditu;

8. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u d-diskrepanzi fil-ħiliet; jirrimarka li l-mobilità għall-istudenti tista' tkun għodda tajba għat-taħriġ u l-kisba ta'

ħiliet ġodda, iżda li għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-problemi tat-telf tal-kapital intelletwali (brain drain) li jistgħu jirriżultaw mill-programmi ta' mobilità, li jċaħħdu lil ċerti Stati Membri mir-riżorsi umani u ekonomiċi li huma essenzjali għall-prosperità tagħhom;

9. Iħeġġeġ lill-istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-programm Erasmus+, li jippermetti liż-żgħażagħ jiksbu esperjenzi u ħiliet ġodda, iżda jenfasizza li l-mobilità waħedha ma tistax issolvi l-problema tal-qgħad u li l-prijorità għandha tingħata l-ewwel lit-tqabbil tal-ħiliet mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tat-tagħlim u t-titjib fl-akkwist tal-għarfien bażiku; iżid li Erasmus + m'għandux jitqies u jintuża bħala programm li jippermetti li ż-żgħażagħ Ewropej isiru l-ħaddiema stazzjonati tal-ġejjieni;

10. Għad għandu xi dubji dwar l-effikaċja tal-iskema tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jirrimarka li din l-iskema oriġinarjament kienet maħsuba biex tiżgura l-integrazzjoni sostenibbli tas-suq tax-xogħol permezz ta' offerti ta' kwalità għolja, imma li f'xi pajjiżi, 75 % tal-impjiegi orjentati lejn il-futur huma fis-settur mhux għall-profitt jew iwasslu għal taħriġ f'terz tal-każi biss; jitlob li l-inizjattivi kollha għaż-żgħażagħ ma jwasslux, fir-realtà, għal impjiegi prekarji għaż-żgħażagħ, li sempliċiment iġibu tnaqqis fittizju u għaż-żmien qasir fil-qgħad;

11. Jenfasizza li l-attivitajiet ta' volontarjat taż-żgħażagħ, pereżempju fis-setturi tas-servizzi personali, għandhom jiġu appoġġjati u rikonoxxuti aħjar għall-valur tagħhom bħala forma importanti ta' tagħlim mhux formali; jenfasizza, madankollu, li dawn l-attivitajiet m'għandhomx isiru għodda ġdida biex tiżdied il-prekarjetà tax-xogħol taż-żgħażagħ;

12. Jilqa' d-dinamiżmu tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażagħ permezz tal-midja soċjali, iżda jistieden lill-Istati Membri jaraw li dawn il-pjattaformi ma jintużawx għar-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi, peress li, skont l-Europol, 46 000 kont tat-Twitter jintużaw regolarment minn militanti u simpatizzanti tal-grupp terroristiku magħruf bħala "L-Istat Iżlamiku";

13. Jindika li l-Istati Membri se jsibuha diffiċli li jistabbilixxu politiki favorevoli għaż-żgħażagħ sakemm l-istituzzjonijiet Ewropej jagħmlulhom pressjoni baġitarja tagħhom permezz tas-Semestru Ewropew u l-politiki ta' integrazzjoni favur il-migranti; jemmen li l-Istati Membri ma jistgħux jintegraw għalkollox lill-migranti jekk ma jkunux kapaċi joffru l-libertà, is-sigurtà, l-impjiegi u l-prosperità liċ-ċittadini tagħhom stess;

14. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Or. {FR}fr